DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Lulju 2009

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/679/KE fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tas-sottosistema tal-kontroll-kmand u tas-sinjalar tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 5607)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/561/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (tfassil mill-ġdid) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea dwar il-Pjan Ewropew għall-Mobilitazzjoni (ERA-REC-02-2009-ERTMS) tat-23 ta' Frar 2009,

Billi:

(1) Kull speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbilità (TSI) għandha tindika l-istrateġija biex jiġu implimentati t-TSIs u l-istadji li għandhom jitwettqu sabiex issir transizzjoni gradwali mis-sitwazzjoni eżistenti għas-sitwazzjoni finali li fiha l-konformità mat-TSIs għandha tkun in-norma.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/679/KE tat-28 ta' Marzu 2006 li tikkonċerna l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbilità fir-rigward tas-sottosistema Kontroll-Kmand tal-kontroll-kmand u s-sinjalar tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea [2] stipulat it-TSI fir-rigward tas-sottosistema ta' Kontroll-Kmand u ta' sinjalar tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea.

(3) F'konformità mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2006/679/KE, l-Istati Membri stabbilixxew pjan ta' implimentazzjoni nazzjonali tat-TSI ta' Kontroll-Kmand u Sinjalar u nnotifikaw dan il-pjan ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

(4) Abbażi ta' dawn il-pjanijiet nazzjonali għandu jitfassal il-Pjan ta' Direzzjoni tal-UE skont il-prinċipji stipulati f'Kapitolu 7 tal-Anness għad-Deċiżjoni 2006/679/KE.

(5) Il-Kapitolu 7 tal-Anness għad-Deċiżjoni 2006/679/KE jipprovdi li l-Pjan ta' Direzzjoni tal-UE se jkun anness għat-TSI permezz ta' proċedura ta' reviżjoni u se jkun imsejjaħ Pjan Ewropew għall-Mobilitazzjoni.

(6) Id-Direttiva 2008/57/KE tindika li t-TSIs jistgħu jistabilixxu l-qafas meħtieġ sabiex ikun deċiż jekk is-sottosistema eżistenti għandhiex tiġi awtorizzata mill-ġdid u jkunu deċiżi l-iskadenzi korrispondenti.

(7) L-istrateġija biex tiġi implimentata it-TSI ta' Kontroll-Kmand u ta' Sinjalar ma għandhiex biss tibbaża fuq il-konformità tas-sottosistemi mat-TSI meta dawn jibdew jagħtu servizz, jiġu aġġornati jew jiġġeddu iżda għanda tkun ibbażata wkoll fuq implimentazzjoni koordinata matul il-kurituri pan-Ewropej li jgħaqqdu iż-żoni tat-trasport tal-merkanzija ewlenin fl-Ewropa. Billi l-interoperabbilità tista' ssir biss jekk il-kurituri ikunu mgħammra bis-sħiħ, għandhom jiġu ffissati dati ta' skadenza xierqa għat-tiġdid, u l-aġġornament fi ħdan il-Pjan Ewropew għall-Mobilitazzjoni.

(8) L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz sabiex il-Modulu Speċifiku ta' Trażmissjoni estern ikun disponibbli għas-sistemi storiċi mill-Kassi B elenkati fl-Anness B għat-TSI.

(9) Proġetti għas-Sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS), inġnerali, u linji inkluzi fil-Pjan Ewropew għall-mobilitazzjoni, b'mod partikolari, jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ Komunitarju mill-programm TEN-T jew minn programmi oħra ta' għajnuna finanzjarja mill-Komunità.

(10) Appoġġ finanzjarju adegwat huwa instrumentali biex ikun żgurat it-tħaddim tal-ERTMS f'konformità mal-ambitu u d-dati ta' skadenza iffissati mill-Pjan Ewropew għall-mobilitazzjoni. Għalhekk il-pjan jista' jkun aġġustat sabiex jittieħed inkonsidrazzjoni l-finanzjament disponibbli.

[1] ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1.
[2] ĠU L 284, 16.10.2006, p. 1.

(11) Il-fornituri tat-tagħmir li jintuża' abbord tal-ERTMS ikkonfermaw li se jkunu f'pożizzjoni li jikkonsjaw tagħmir li jintuża' abbord li huwa konformi mal-istandard il-ġdid (magħruf bħala *baseline 3*) sa mhux iktar tard mill-2015; għalhekk, lokomottivi internazzjonali kkonsenjati sa dik id-data, għandhom, bħala regola ġenerali, jkunu mgħammra bl-ERTMS.

(12) Id-Deċiżjoni 2006/679/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(13) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Interoperabbilità u s-Sikurezza Ferrovjarja, stabbilit skont Artikolu 29 tad-Direttiva 2008/57/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2006/679/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Taqsimiet 7.1, 7.2 u 7.3 huma mibdulin bit-test stipulat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

(2) Fit-taqsima 7.4.2.3 r-referenza għat-taqsima 7.2.2.5 hija mibdula b'referenza għat-taqsima 7.2.

Artikolu 2

Sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni se tevalwa l-implimentazzjoni tal-Pjan Ewropew għall-Mobiltazzjoni u tiddetermina, fuq analiżi tal-progress li jkun sar bl-implimentazzjoni sal-2015, id-disponibbilità tat-tagħmir konformi mal-istandard il-ġdid (*baseline 3*) u ta' sorsi u l-livell ta' finanzjament disponibbli biex jappoġġa it-tħaddim tal-ERTMS, jekk ikunux meħtieġa emendi għal din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari dak li jirrigwarda l-linji li għandhom jiġu mgħammra sal-2020. L-Istati Membri għandhom jiġu involuti f'din l-analiżi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika mill-1 ta' Settembru 2009.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

Antonio TAJANI

Viċi President

ANNESS

Is-Sezzjonijiet 7.1, 7.2, u 7.3 tal-Anness tad-Deċizjoni 2006/679/KE huma mibdula b'dawn li ġejjin

"7. IMPLIMENTAZZJONI TAL-KONTROLL-KMAND TAT-TSI

Dan il-kapitolu jitratta l-istrateġija għall-implimentazzjoni (Il-Pjan Ewropew għall-Mobilitazzjoni tal-ERTMS) tat-TSI u jispeċifika l-istadji li għandhom jitwettqu sabiex issir transizzjoni gradwali mis-sitwazzjoni eżistenti għas-sitwazzjoni finali li fiha l-konformità mat-TSIs għandha tkun in-norma.

Il-Pjan Ewropew għall-Mobilitazzjoni tal-ERTMS ma japplikax għal linji li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru meta n-netwerk ferrovjarju jkun separat jew iżolat bil-baħar, jew separata minħabba kundizzjonijiet ġeograifiċi speċjali, min-netwerk ferrovjarju tal-bqija tal-Komunità. Din l-istrateġija ma tapplikax għal lokomottivi li jivjaġġaw fuq dawn il-linji.

7.1. ***Implimentazzjoni tal-ERTMS-Maġenb il-binarji***

L-għan tal-Pjan Ewropew għal-Mobilitazzjoni tal-ERTMS huwa li jiġi żgurat li, gradwalment, lokomottivi, vaguni u vetturi oħra tal-ferroviji, mgħammra b'ERTMS jkunu jista' jkollhom aċċess għal iktar linji, portijiet, terminals u ċentri ta' tqassim ta' ferroviji tal-merkanzija mingħajr ma jkollhom bżonn tagħmir ieħor nazzjonali apparti l-ERTMS.

Għal dak il-għan il-pjan tal-mobilitazzjonio ma jirrikjedix li jitneħħew is-sistemi eżistenti tal-Klassi B fuq il-linji inklużi fil-pjan. Madankollu, sad-data speċifikata fil-pjan ta' implimentazzjoni, tagħmir b'sistema ta' Klassi B ma għandux ikun kundizzjoni ta' aċċess għal binarji inklużi fil-pjan tat-tħaddim għal lokomottivi, vaguni u vetturi oħrajn tal-ferrovija mgħammrin bl-ERTMS.

Meta żoni tat-terminals, bħal ma huma portijiet jew linji speċifiċi f'port, pereżempju, ma jkunux mgħammra bl-ebda sistema ta' Klassi B, ir-rekwiżiti li għandhom x' jaqsmu mal-'konnessjoni' ta' dawn iż-żoni tat-terminals ma jfissrux bil-fors li dawn it-terminals jew linji għandhom bżonn jiġu mgħammra bl-ERTMS, sakemm it-tagħmir b'sistema ta' Klassi B ma jkunx rikjest bħala kundizzjoni għall-aċċess għal binarji.

Fuq linji li jikkonsistu f'binarju doppju jew iktar, il-linja tkun ikkunsidrata li hija mgħammra malli jiġi mgħammar il-binarju doppju. Meta jkun hemm iktar minn linja waħda f'parti ta' kuritur, mill-inqas waħda mil-linji trid tkun mgħammra f'dik il-parti u l-kuritur kollu jitqies bħala mgħammar meta mill-inqas linja waħda tkun mgħammra matul it-tul kollu tal-kuritur.

7.1.1. **Kurituri**

Is-sitt kurituri deskritti fl-Appendiċi I għandhom jiġu mgħammra bl-ERTMS skont l-iskeda indikata f'dak l-Appendiċi (*).

7.1.2. **Konnessjoni mal-portijiet Ewropej ewlenin, ċentri ta' tqassim ta' ferroviji tal-merkanzija, terminals tal-merkanzija u żoni tat-trasport tal-merkanzija.**

Il-portijiet, iċ-ċentri ta' tqassim ta' ferroviji tal-merkanzija, it-terminals tal-merkanzija u ż-żoni tat-trasport tal-merkanzija elenkati fl-Appendiċi II għandhom jingħaqdu ma' mill-inqas wieħed mis-sitt kurituri speċifikati fl-Appendiċi fid-data u skont il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Appendiċi II.

7.1.3. **Proġetti ffinanzjati mill-UE**

Mingħajr preġudizzju għat-taqsimiet 7.1.1 u 7.1.2, l-istallazzjoni tal-ERTMS/ETCS hija mandatorja fil-każ ta':

— stallazzjonijiet ġodda tal-parti ta' protezzjoni tal-ferrovija armata bis-CCS; jew

— titjib tal-parti ta' protezzjoni tal-ferrovija armata bis-CCS li qiegħda diġà fis-servizz li tbiddel il-funzjonijiet jew il-prestazzjoni tas-sottosistema.

għal proġetti ta' infrastruttura ferrovjarja li jirċievu appoġġ finanzjarju minn Fondi Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali u/jew Fondi tal-Koeżjoni (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (**)) u/jew il-fondi tat-TEN-T (Deċiżjoni 1692/96/KE tal-Parlament Ewropoew u tal-Kunsill (***)).

Madankollu, meta is-sinjalar ikun imġedded fuq partijiet qosra (inqas minn 150 km) u fuq partijiet mhux kontinwi, il-Kummissjoni tista' tagħti deroga għal din ir-regola, sakemm l-ERTMS jiġi installat qabel l-ewwel waħda minn dawn iż-żewġ dati:

— 5 snin wara t-tmiem tal-proġett;

— sa meta il-parti tal-linja tkun konnessa mal-linja l-oħra diġà mgħammra bl-ERTMS.

F'din it-taqsima l-ewwel minn dawn iż-żewġ dati hija msejjħa 'l-aħħar data tat-tagħmir'

L-Istat Membru interessat għandu jgħaddi fajl lill-Kummissjoni. Dan il-fajl għandu jinkludi analiżi ekonomika li turi li hemm vantaġġ sostanzjali ekonomiku u/jew meta jitqiegħed fis-servizz l-ERTMS fl-aħħar data għat-tagħmir minflok matul it-twettiq tal-proġett iffinanzjat mill-UE.

L-Istati Membri jistgħu jinvokaw din il-klawżola biss meta l-offerta li tkopri t-tiġdid jew it-titjib ta' sistema ta' protezzjoni tal-ferrovija tkun tinkudi għażla ċara għat-tagħmir tal-ERTMS tal-linja, jew matul iż-żmien li fih jtwettaq il-proġett jew fl-aħħar data għat-tagħmir.

Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-fajl sottomess u l-miżuri proposti mill-Istat Membru u għandha tgħarraf lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (****) bir-riżultat tal-analiżi. Meta tingħata deroga, l-Istat Membru għandu jiżgura li l-ERTMS jiġi nstallat qabel l-aħħar data għat-tagħmir.

7.1.4. **Kundizzjonijiet meta jkunu rikjesti funzjonijiet fakultattivi**

Skont il-karatteristiċi tal-Kontroll-Kmand u l-interfaċċi tagħha installati maġenb il-binarji ma' sottosistemi oħrajn, għandu mnejn ikun meħtieġ li uħud mill-funzjonijiet li mhumiex ikklassifikati bħala obbligatorji, jiġu implimentati f'ċerti applikazzjonijiet biex jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali.

L-implimentazzjoni ta' funzjonijiet Nazzjonali jew Fakultattivi ta' maġenb il-binarji ma għandhiex iżżomm id-dħul fl-infrastruttura ta' ferrovija li tkun konformi biss mar-rekwiżiti obbligatorji tas-sistema Abbord tal-Klassi A ħlief kif meħtieġ għal funzjonijiet fakultattivi ta' abbord li ġejjin:

— applikazzjoni ta' maġenb il-binarji ta' Livell 3 tal-ETCS teħtieġ superviżjoni tal-integrità tal-ferrovija abbord;

— applikazzjoni ta' maġenb il-binarji ta' Livell 1 tal-ETCS bl-in-fill teħtieġ funzjonalità b'in-fill korrispondenti abbord jekk il-veloċità tkun iffissata għal żero għall-raġunijiet ta' sikurezza (pereżempju il-protezzjoni ta' punti ta' periklu);

— meta l-ETCS ikun jeħtieġ trażmissjoni ta' dejta bir-radju, is-servizzi tat-trażmissjoni tad-dejta tal-GSM-R irid jissodisfa r-rekwiżiti tat-trażmissjoni tad-dejta tal-ETCS;

— armar abbord, li jinkludi sistema KER STM, jista' jeħtieġl li jimplimenta interfaċja-K.

7.1.5. **Sistemi storiċi**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-funzjonalità tas-sistemi storiċi imsemmija fl-Anness B għat-TSI kif ukoll l-interfaċji tagħhom għandha tibqa' kif speċifikata bħalissa, u teskludi dawk il-modifikazzjonijiet li għandhom mnejn ikunu meqjusa meħtieġa biex itaffu il-problemi martbutin mas-sikurezza ta' dawn is-sistemi. L-Istati Membri għandhom jaraw li l-informazzjoni li tirrigwarda s-sistemi storiċi tagħhom, meħtieġa għall-finijiet ta' żvilupp u ċertifikazzjoni tal-apparat li tippermetti l-interoperabbiltà ta' tagħmir tal-Klassi A ma' faċilitajiet tal-Klassi B storiċi, tkun disponibbli.

7.1.6. **Notifika**

Għal kull taqsima ta' kuritur deskritta fl-Appendiċi I, l-Istati Membri għandhom jew jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi pjan dettaljat ta' meta l-parti tal-kuritur se tiġi mgħammra bl-ERTMS jew jikkonfermaw li l-parti tal-kurritur diġà ġiet mgħammra. L-informazzjoni se tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard minn tliet snin qabel l-aħħar data tat-tagħmir tal-parti tal-kuritur speċifikata fl-Appendiċi I.

Għal kull port, ċentru tat-tqassim ta' ferroviji tal-merkanzija, terminal tal-merkanzija jew żona tat-trasport tal-merkanzija, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-linji speċifiċi li għandhom jintużaw biex tiġi żgurata l-konnessjoni tagħhom ma' wieħed mill-kurituri elenkati fl-Appendiċi I. Din l-informazzjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard minn tliet snin qabel id-data speċifikata fl-Appendiċi II u għandha tindika l-aħħar data tat-tagħmir għal dan il-port, ċentru tat-tqassim ta' ferroviji tal-merkanzija, terminal tal-merkanzija jew żona tat-trasport tal-merkanzija. Il-Kummissjoni tista' titlob aġġustamenti partikolarment sabiex tiżgura l-konsistenza bejn linji mgħammra fuq il-fruntieri, skont il-ħtieġa. L-Istati Membri għandhom jew jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi pjan dettaljat ta' meta l-parti tal-kuritur se tiġi mgħammra bl-ERTMS jew jikkonfermaw li dawn il-linji speċifiċi diġà ġew mgħammra bl-ERTMS. Din l-informazzjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard minn tliet snin qabel id-data speċifikata fl-Appendiċi II u għandha tindika l-aħħar data tat-tagħmir għal dan il-port, ċentru tat-tqassim ta' ferroviji tal-merkanzija, terminal tal-merkanzija jew żona tat-trasport tal-merkanzija.

Il-pjani dettaljati taż-żmien tat-tlestija għandhom jindikaw partikolarment id-data sa meta l-offerta għat-tagħmir tal-linja se jkun konkluż, il-proċeduri li ġew stabbiliti sabiex tiġi żgurata l-interoperabbilità mal-pajjiżi ġirien fuq il-kurritur kif wkoll l-istadji prinċipali marbuta mal-proġett. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-progress li sar bl-implimentazzjoni ta' dawn il-linji billi jibagħatu pjan taż-żmien aġġornat kull tnax-il xahar.

7.1.7. **Dewmien**

Meta Stat Membru raġonevolment jistenna dewmien fit-tlestija sad-data ta' skadenza stabbilita fid-Deċiżjoni preżenti, dan għandu jinforma immedjatament lill-Kummissjoni. Għandu jikkomunika lill-Kummissjoni fajl li jinkludi deskrizzjoni teknika u pjan aġġortat tal-proġett. Il-fajl għandu wkoll jispjega r-raġunijiet għad-dewmien u jindika miżuri ta' korrezzjoni li jittieħdu mill-Istat Membru.

Dewmien addizzjonali ta' mhux iktar minn tliet snin jista' jingħata lil Stat Membru meta l-kawżi tad-dewmien ma jkunux jiddependu fuq il-kontroll raġonevoli tal-Istat Membru, bħal pereżempju in-nuqqas ta' formiment ta' materjal jew problemi marbuta mal-proċess ta' omologazzjoni u approvazzjoni minħabba n-nuqqas ta' vetturi xierqa tal-ittestjar. Din il-klawżola tista' tintuża favur Stat Membru biss jekk ikunu issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

— in-notifikazzjonijiet msemmija fit-taqsima 7.1.6 ikunu waslu fil-ħin u kienu komprensivi;

— il-fajl imsemmi fit-taqsima 7.1.7, l-ewwel paragrafu, jinkludu evidenza ċara li l-Istat Membru ma kellu ebda kontroll fuq il-kawżi tad-dewmien;

— awtorità kompetenti li tkun responsabbli għall-koordinazzjoni, għall-forniment u integrazzjoni u ittestjar ta' prodotti ta' abbord u ta' maġenb il-binarji;

— sar użu xieraq ta' laboratorji eżistenti;

— tingħata evidenza li ġew implimentati miżuri xierqa biex jitnaqqas iktar dewmien.

Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-fajl sottomess u l-miżuri proposti mill-Istat Membru u għandha tgħarraf lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2008/57/KE bir-riżultat tal-analiżi.

7.2. ***Implimentazzjoni tal-ERTMS ta' abbord***

Lokomottivi, vaguni u vetturi oħra tal-ferroviji ġodda li kapaċi jivjaġġaw mingħajr ġbid mgħammra b'kabina tas-sewqan, li kienu ordnati wara l-1 ta' Jannar 2012 u li bdew jaħdmu wara l-1 ta' Jannar 2015, għandhom jiġu mgħammra bl-ERTMS.

Dan ir-rekwiżit ma japplikax għal lokomottivi ta' trasferiment u lokomottivi, vaguni u vetturi oħra tal-ferroviji ġodda mgħammra b'kabina tas-sewqan, jekk huma iddiżinjati esklussivament għas-servizz nazzjonali u servizzi ta' qsim il-fruntieri bejn ir-reġjuni. Madankollu l-Istati Membri jistgħu jintroduċu rekwiżiti addizzjonali fuq livell nazzjonali, partikolarment bil-ħsieb li:

— restrizzjoni tal-aċċess għal-linji mgħammra bl-ERTMS għal-lokomottivi mgħammra bl-ERTMS, sabiex is-sistema nazzjonali eżistenti jkunu jistgħu jiġu dekommissjonati;

— rekwiżit li lokomottivi ta' trasferiment u lokomottivi, vaguni u vetturi oħra tal-ferroviji ġodda mgħammra b'kabina tas-sewqan, jekk huma iddiżinjati esklussivament għas-servizz nazzjonali u servizzi ta' qsim il-fruntieri bejn ir-reġjuni, ikunu mgħammra bl-ERTMS.

7.3. ***Regoli tal-implimentazzjoni speċifiċi tal-GSM-R***

Dawn ir-regoli japplikaw b'żieda mar-regoli stipulati fit-taqsima 7.1 u 7.2.

7.3.1. **Stallazzjonijiet ta' maġenb il-binarji**

It-twaħħil ta' GSM-R huwa mandatorju fil-każ ta':

— stallazzjonijiet ġodda tal-parti ta' radju armata bis-CCS;

— titjib tal-parti tar-radju armata bis-CCS li qiegħda diġà fis-servizz li tbiddel il-funzjonijiet jew il-prestazzjoni tas-sottosistema.

7.3.2. **Stallazzjonijiet abbord**

It-twaħħil ta' GSM-R fuq vetturi ferrovjarji intenjonati għall-użu fuq linja li tinkludi mill-inqas parti waħda li tkun mgħammra b'interfaċji tal-Klassi A (anke jekk din tkun imposta fuq sistema tal-Klassi B), hija mandatorja fil-każ ta':

— stallazzjonijiet ġodda tal-parti ta' radju armata bis-CCS;

— titjib tal-parti tar-radju armata bis-CCS li qiegħda diġà fis-servizz li tbiddel il-funzjonijiet jew il-prestazzjoni tas-sottosistema.

7.3.3. **Sistemi storiċi**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-funzjonalità tas-sistemi storiċi imsemmija fl-Anness B għat-TSI kif ukoll l-interfaċji tagħhom għandha tibqa' kif speċifikata bħalissa, u teskludi dawk il-modifikazzjonijiet li għandhom mnejn ikunu meqjusa meħtieġa biex itaffu il-problemi martbutin mas-sikurezza ta' dawn is-sistemi. L-Istati Membri għandhom jaraw li l-informazzjoni li tirrigwarda s-sistemi storiċi tagħhom, meħtieġa għall-finijiet ta' żvilupp u ċertifikazzjoni tal-apparat li tippermetti l-interoperabbiltà ta' tagħmir tal-Klassi A ma' faċilitajiet tal-Klassi B storiċi, tkun disponibbli.

(*) L-Appendiċi I jindika l-aħħar data biex jitlesta t-tagħmir, bl-iskop li pass wara l-ieħor tinbena netwerk konsistenti ta' ERTMS. F'għadd ta' każi, jeżistu ftehimiet volontarji li jirrigwardaw tagħmir li jitlesta f'data iktar bikrija.

(**) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.

(***) ĠU L 228, 9.9.1996, p. 1.

(****) ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1.

Appendiċi I

linji speċifiċi li jifformaw il-kurituri

Kurritur A - għandu jiġi mgħammar sal-2015



Kuritur B ([1])


Hallsberg
Katrineholm
Järna
Stockholm
Mjölby
Linköping
Nässjö
Alvesta
Hässleholm
Malmö
Kolding
Fredericia
Ringsted
København
Padborg
Rødby
Flensburg
Puttgarden
Hamburg
Hannover
Götigen
Würzburg
Ansbach
Nürnberg
Treuchtlingen
Ingolstadt
Augsburg
München
Kufstein
Innsbrück
Brennero
Bolzano
Trento
Verona
Bologna
Firenze
Roma
Napoli
Għandu jkun mgħammar sal- 2020
Għandu jkun mgħammar sal- 2015
Għandu jkun mgħammar sal- 2020

Kuritur C [2]


Antwerpen
Mechelem
Aarschot
Leuven
Ottiginies
Charleroi
Gembloux
Namur
Dinant
Libramont
Bertrix
Athus
Arlon
Luxembourg
Bettembourg
Mont Saint Martin
Thionville
Longuyon
Woippy
Conflans-Jarny
Metz
Remilly
Reding
Strasbourg
Pagny
Lerouville
Nancy
Colmar
Toul
Chalindrey
Mulhouse
Dijon
Macon
Gevrey
Swiss border (Basel)
Lyon Perrache
Saint Amour
Sibellin
Amberieu en Bugey
Għandu jkun mgħammar sal-2015
Għandu jkun mgħammar sal-2020

Kuritur D ([3])


Għandu jiġi mgħammar sal-2015
Amberieu en Bugey
Modane
Bardonecchia
Torino
Novara
Milano
Verona
Vicenza
Cittadella
Treviso
Portogruaro
Bivio Aurisina
Villa Opicina
Divača
Györ
Budapest
Celldömölk
Boba
Zalalov
Hodos
Ljubljana
Pivka
Padova
Trieste
Koper
Għandu jiġi mgħammar sal- 2015
Għandu jiġi mgħammar sal- 2015
Lyon
Sibelin
Avignon
Marseille
Nîmes
Montpellier
2020
Narbonne
Perpignan
Cerbère
Port Bou
Figueras
Barcelona
Tarragona
Castellon
Sagunto
Valencia
Għandu jiġi mgħammar sal-2020

Kuritur E


Dresden
Děčín
Nymburk
Prague
Havlíčkův Brod
Brno
Breclav
Bratislava
Wien
Rajka
Hegyeshalom
Komárom
Nové Zámky
Budapest
Štúrovo
Szolnok
Békéscsaba
Lökösháza
Curtici
Arad
Braşov
Sinaia
Ploieşti
Bucureşti
Feteşti
Constanța
għandu jkun mgħammar sal-2015.
għandu jkun mgħammar sal-2020.

Kuritur F



(1) Bla ħsara għal leġiżlazzjoni applikabbli għan-netwerk Trans Ewropew ta' veloċità għolja, jistgħu jiġu pprovduti konnessjonijiet permezz ta' medded ta linji ta' veloċità għolja, sakemm jiġu allokati passaġġi għall-ferroviji tal-merkanzija. Mill-inqas konnessjoni waħda mgħammra bl-ERTMS se tiġi pprovduta sal-2020 bejn id-Danimarka u l-Ġermanja (Flensburg-Hamburg or Rødby – Puttgarden) iżda mhux neċessarjament it-tnejn. Il-mina ta' bażi tal-Brennero se tkun mgħammra bl-ERTMS ladarba jitlesta x-xogħol infrastrutturali (data fil-mira 2020).

(2) Konnessjoni bejn Nancy u Reding se tkun provduta sal-2020.

(3) Żewġ frieghi addizzjonali għandhom jiġu mgħammra sal-2020. Montmélian – Grenoble – Valence and Lyon – Valence – Arles – Miramas (fuq in-naħa tax-xellug tar-Rhône).

Appendiċi II

portijiet Ewropej ewlenin, ċentri ta' tqassim ta' ferroviji tal-merkanzija, terminals tal-merkanzija u żoni tat-trasport tal-merkanzija (1)

Il-Pajjiż	Żona tat-trasport tal-merkanzija	Data	Kumment
Il-Belġju	Antwerpen	31.12.2015	Konnessjoni bejn Nancy u Reding se tkun provduta sal-2020.
	Gent	31.12.2020	
	Zeebrugge	31.12.2020	
Il-Bulgarija	Burgas	31.12.2020	Il-konnessjoni tal-kuritur E timplika t-tagħmir tal-parti Bourgas-Sofia u Sofia-Vidin-Calafat u Calafat-Curtici fir-Rumanija (PP22).
Ir-Repubblika Ċeka	Praha	31.12.2015	
	Lovosice	31.12.2020	
Id-Danimarka	Taulov	31.12.2020	Il-konnessjoni ta' dan it-terminal timplika li l-linja ta' Flensburg-Padborg tiġi magħżula li tkun bħala link mgħammar bl-ERTMS - ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1 tal-Appendiċi I tal-Anness.
Il-Ġermanja	Dresden (1)	31.12.2020	Sal-2020 għandha tkun żgurata wkoll konnessjoni diretta bejn kuritur E i kuritur F (minn Dresden għal Hannover).
	Lübeck	31.12.2020	
	Duisburg	31.12.2015	
	Hamburg (2)	31.12.2020	
	Köln	31.12.2015	
	München	31.12.2015	
	Hannover	31.12.2015	
	Rostock	31.12.2015	
	Ludwigshafen/ Mannheim	31.12.2015	
	Nürnberg	31.12.2020	
Il-Greċja	Pireás	31.12.2020	Il-konnessjoni tal-kuritur E timplika t-tagħmir tal-parti Kulata-Sofia fil-Bulġarija.
Spanja	Algeciras	31.12.2020	
	Madrid	31.12.2020	
	Pamplona	31.12.2020	Tliet konnessjonijiet rikjesti. Konnessjoni għal Pariġi via Hendaye, konnessjoni minn Pamplona għal Madrid u konnessjoni minn Pamplona għal kuritur D via Zaragoza.
	Zaragoza	31.12.2020	
	Tarragona	31.12.2020	
	Barcelona	31.12.2015	
	Valencia	31.12.2020	

Il-Pajjiż	Żona tat-trasport tal-merkanzija	Data	Kumment
Franza	Marseille	31.12.2020	
	Perpignan	31.12.2015	
	Avignon	31.12.2015	
	Lyon	31.12.2015	
	Le Havre	31.12.2020	
	Lille	31.12.2020	
	Dunkerque	31.12.2020	
	Pariġi	31.12.2020	Sal-2020, se jiġu prrovduti l-konnessjonijiet li ġejjin: i) Hendaye ii) Channel Tunnel iii) Dijon iv) Metz via Epernay u Châlons-en-Champagne.
L-Italja	La Spezia	31.12.2020	
	Genova	31.12.2015	
	Gioia Tauro	31.12.2020	
	Verona	31.12.2015	
	Milano	31.12.2015	
	Taranto	31.12.2020	
	Bari	31.12.2020	
	Padova	31.12.2015	
	Trieste	31.12.2015	
	Novara	31.12.2015	
	Bologna	31.12.2020	
	Ruma	31.12.2020	
Il-Lussemburgu	Bettembourg	31.12.2015	
L-Ungerija	Budapest	31.12.2015	
L-Olanda	Amsterdam	31.12.2020	
	Rotterdam	31.12.2015	Konnessjoni għal Antwerp għandha tkun provduta sal-2020.
L-Awstrija	Graz	31.12.2020	
	Wien	31.12.2020	
Il-Polonja	Gdynia	31.12.2015	
	Katowice	31.12.2020	
	Wrocław	31.12.2015	Sal-2020 il-linja Wroclaw-Legnica għandha tkun mgħammra sabiex tiżgura konnessjoni diretta għall-fruntiera Ġermaniża. (Gorlitz).
	Gliwice	31.12.2015	
	Poznań	31.12.2015	
	Warszawa	31.12.2015	
Il-Portugall	Sines	31.12.2020	
	Lisboa	31.12.2020	
Ir-Rumanija	Constanța	31.12.2015	

Il-Pajjiż	Żona tat-trasport tal-merkanzija	Data	Kumment
Is-Slovenja	Koper	31.12.2015	
	Ljubljana	31.12.2015	
Is-Slovakkja	Bratislava	31.12.2015	
Ir-Renju Unit	Bristol	Dan it-terminal konness bħala kuritur C huwa estiż saċ-Channel Tunnel.	

([1]) Il-Ġermanja se tagħmel ħilitha biex tgħammar il-parti tal-kuritur E, Dresden – fruntiera Ċeka, f'data iktar bikrija.
([2]) Il-Ġermanja se tiżgura li t-tagħmir tal-konnessjoni ferrovjarja għal Hamburg iżda fiż-żona tal-port għandha mnejn tkun mgħammra biss parzjalment sal-2020.

([1]) Il-lista taċ-ċentri inklużi f'dan l-Appendiċi tista' tiġi riveduta, sakemm l-ebda reviżjoni ma tnaqqas it-traffiku tal-merkanzija jew tħalli xi impatt sinifikattiv fuq proġetti fi Stati Membri oħra."